

Brussell, 23 ta' Frar 2022  
(OR. en)

6096/22

FIN 140

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tal-Baġit
Suġġett:	Stima tan-nefqa u d-dħul għas-sena finanzjarja 2023 għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill (Taqsimha II tal-Baġit tal-UE) - Memorandum ta' spjegazzjoni

---

**I. INTRODUZZJONI**

1. Il-proċedura baġitarja għas-sena finanzjarja 2023 ser titwettaq f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28).

L-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida baġitarji għall-2023, approvati mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-23 ta' Frar 2022 u li għandhom jiġu approvati mill-Kunsill ECOFIN fil-15 ta' Marzu 2022, jenfasizzaw li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji kollha tal-Unjoni, għandhom iżommu dixxiplina baġitarja u jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu bbaġitjati biss punti ta' nefqa meqjusa neċessarji. Huwa mfakkar li l-limitu massimu għall-intestatura 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021-2027<sup>2</sup> huwa msejjes fuq il-premessa li l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni jadottaw approċċ komprensiv u mmirat għall-istabbilizzazzjoni tal-għadd tal-persunal u għat-tnaqqis tan-nefqa amministrattiva.

2. Il-qafas interistituzzjonali ġenerali għall-elaborazzjoni tal-proposti għall-abbozz ta' baġit (AB) għall-2023 ġie stabbilit fl-ittri tal-Kummissjoni bid-data tat-2/12/2021 u l-21/12/2021, fejn l-istituzzjonijiet kollha huma mistiedna jħejju l-istimi tagħhom abbażi tal-linji gwida li ġejjin:

- jinkludu +4.3 % għall-aġġustament tar-remunerazzjoni tal-persunal mill-01/07/2022, +1.1 % mill-01/04/2023, u +2.6 % mill-01/07/2023, wara l-applikazzjoni tal-klawżola ta' eċċezzjoni għall-aġġustament tas-salarji tal-2020 li wasslet għal aġġornament sospiż temporanjament,
- jimmiraw lejn politika stabbli dwar il-persunal,
- jimmiraw li ż-żieda għan-nefqa kollha mhux relatata mas-salarji tiġi limitata għal 2 % meta mqabbel mal-livell tal-2022.

Il-Kummissjoni kkomunikat previżjoni ta' inflazzjoni ta' 1.6 % għal Brussell u ta' 1.8 % għal-Lussemburgu għall-perijodu bejn Diċembru 2022 u Diċembru 2023.

---

<sup>2</sup> Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

3. B'kont meħud ta' dawn il-linji gwida is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK) elabora proposta għal stimi tal-AB 2023 għall-Kunsill Ewropew u l-Kunsill (Taqsimi II tal-baġit tal-UE).

L-objettiv ġenerali tal-proposta kien li ma jinqabiżx b'aktar minn 2 %, f'termini nominali, il-livell tal-baġit għall-2022 għal nefqa mhux relatata mas-salarji, f'konformità stretta mal-limitu stabbilit mill-Kummissjoni.

Żidiet marbuta ma' obbligi statutorji jew kuntrattwali jew f'oqsma li tqiesu bħala essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-SĠK ġew ikkumpensati, kull meta kien possibbli, billi ċerti attivitajiet ingħataw prijorità u kienu riprogrammati b'kont meħud tal-implimentazzjoni tal-baġit fis-snin reċenti.

B'riżultat ta' dan, is-SĠK jipproponi stima tal-AB2023 ta' EUR 641.9 miljun. Dan l-ammont jikkorrispondi ma' żieda globali ta' EUR 30.4 miljun jew 5.0 % meta mqabbel mal-baġit ivvutat għall-2022.

In-nefqa relatata mas-salarji tammonta għal EUR 390.4 miljun, żieda ta' EUR 25.4 miljun jew 7.0 %, filwaqt li n-nefqa mhux relatata mas-salarji tammonta għal total ta' EUR 251.5 miljun b'żieda ta' EUR 5.0 miljun jew 2.0 % meta mqabbel mal-2022.

It-tabella 1 tippreżenta l-proposta tal-baġit għall-2023 skont il-kategorija. Kummenti aktar dettaljati dwar l-iżvilupp ta' kull kategorija jinsabu fil-paragrafu II hawn taħt.

**Tabella 1: Proposta għal abbozz ta' baġit tal-KE/K għall-2023 (skont il-kategorija, EUR)**

Kapitolu / artikolu/ partita	Kategorija ta' nefqa	Baġit 2022	AB 2023	Differenza	Bidla 2023/2022
		1	2	3=2-1	4=3/1
10	Membru tal-Istituzzjoni (President)	1.984.500	2.011.000	26.500	1,3%
11	Persunal statutorju (Tabella tal-persunal)	354.837.746	379.821.268	24.983.522	7,0%
12	Persunal ieħor u servizzi esterni	14.662.000	15.527.000	865.000	5,9%
13	Nefqa oħra relatata mal-persunal	12.231.000	12.449.000	218.000	1,8%
<b>TITOLU 1</b>	<b>Persuni li jaħdmu mal-Istituzzjoni</b>	<b>383.715.246</b>	<b>409.808.268</b>	<b>26.093.021</b>	<b>6,8%</b>
200, 201	Bini	57.527.560	59.203.000	1.675.440	2,9%
210	Sistemi tal-kompjuter	48.115.000	53.073.000	4.958.000	10,3%
211	Għamara	981.000	1.051.000	70.000	7,1%
212	Tagħmir tekniku	6.891.000	3.577.000	-3.314.000	-48,1%
213	Trasport	2.550.000	2.080.000	-470.000	-18,4%
2200	Spejjeż ta' vvjaġġar ta' delegazzjonijiet	15.505.000	15.505.000	0	0,0%
2202	Spejjeż ta' interpretazzjoni	80.000.000	80.000.000	0	0,0%
2201, 2203, 2204, 2205	Laqgħat u konferenzi	6.490.000	7.090.000	600.000	9,2%
2210, 2212, 2213	Informazzjoni	8.291.250	9.104.000	812.750	9,8%
223	Mixxellanju	1.407.500	1.372.000	-35.500	-2,5%
<b>TITOLU 2</b>	<b>Bini, tagħmir u nefqa operattiva</b>	<b>227.758.310</b>	<b>232.055.000</b>	<b>4.296.690</b>	<b>1,9%</b>
<b>TITOLU 10</b>	<b>Riżerva</b>	<b>p.m</b>	<b>p.m</b>	<b>mhux applikabbli</b>	<b>mhux applikabbli</b>
<b>BAĠIT TOTALI</b>		<b>611.473.556</b>	<b>641.863.268</b>	<b>30.389.711</b>	<b>5,0%</b>
	<b>Nefqa marbuta mas-salarji</b>	<b>364.994.746</b>	<b>390.402.268</b>	<b>25.407.521</b>	<b>7,0%</b>
	<b>Nefqa mhux relatata mas-salarji</b>	<b>246.478.810</b>	<b>251.461.000</b>	<b>4.982.190</b>	<b>2,0%</b>
<b>BAĠIT TOTALI</b>		<b>611.473.556</b>	<b>641.863.268</b>	<b>30.389.711</b>	<b>5,0%</b>

## **II. KUMMENTI SKONT IL-KATEGORIJA TAN-NEFQA**

### 1. Membri tal-Istituzzjoni, il-President (Kapitolu 10)

Il-bidla moderata fl-approprijazzjonijiet relatati mal-funzjoni tal-President tal-Kunsill Ewropew (+1.3 %) hija prinċipalment dovuta għall-ispejjeż mistennija tal-ivvjaġġar.

### 2. Uffiċjali u persunal temporanju (Kapitolu 11)

Il-bidla ta' + 7 % (EUR 25 miljun) fil-livell ta' approprijazzjonijiet għall-intestaturi tal-baġit relatati mat-tabella tal-persunal huwa determinat prinċipalment mill-fatturi li ġejjin:

#### a) Aġġustament tas-salarji

L-aġġustament tas-salarji (+ EUR 18.6 miljun) jirrifletti l-gwida tal-Kummissjoni stabbilita taħt I. 2 hawn fuq. Il-perċentwal finali għall-aġġustamenti tal-2022 u l-2023 ser ikun disponibbli f'Diċembru 2022 u f'Diċembru 2023 rispettivament.

#### b) Titjib tar-rata ta' okkupanza fit-tabella tal-persunal

Is-SĠK jistma li r-rata ta' okkupanza għall-2023 ser tkun ta' medja ta' 97.5 %. Din tirrappreżenta tnaqqis fir-rata fissa ta' tnaqqis ta' 1.5 punti perċentwali li jirriżulta f'żieda ta' EUR 5.9 miljun meta mqabbel ma' dak li huwa bbaġitjat fl-2022, bħala konsegwenza ta' proċeduri ta' reklutaġġ aktar effiċjenti.

Bi tkompliġja tal-isforzi tas-sena preċedenti biex jiġu adattati l-profilu tal-persunal għar-rekwiżiti tal-impjiegi li qed jinbidlu, huwa propost li 5 karigi AST jinbidlu f'5 karigi AD, u 10 karigi AST f'10 karigi SC.

3. Persunal ieħor u servizzi esterni (Kapitolu 12)

Il-bidla totali ta' 5.9 % (EUR 0.9 miljun) f'approprjazzjonijiet f'dan il-kapitolu hija prinċipalment relatata mal-aġġustamenti tas-salarji stmati fl-2022 u l-2023 (+ EUR 0.1 miljun) u mat-talba għal disa' Ekwivalenti Full-Time (FTE) addizzjonali ta' persunal kuntrattwali (+ EUR 0.6 miljun). Dan tal-aħħar huwa ġġustifikat mill-hteġa għal possibbiltajiet ta' rekrutazzjoni temporanju aktar flessibbli fid-dawl tal-attività leġiżlattiva li qed tiżdied (Anness III).

Il-baġit relatat mal-Esperti Nazzjonali Sekondari (SNEs) jiżdied bi 3.0 % (+ EUR 0.04 miljun). Bħal fis-snin preċedenti, huma bbaġitjati 22 FTE SNEs.

4. Nefqa oħra relatata ma' persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni (Kapitolu 13)

Il-baġit għal dan il-Kapitolu jiżdied b'1.8 % (+ EUR 0.2 miljun). Iż-żieda hija prinċipalment dovuta għall-partiti 1320 (*Servizz mediku*), 1322 (*Crèches u faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal*) u 1323 (*Kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam tal-ġestjoni tal-persunal*). Dan jikkorrispondi għal ħtiġijiet akbar fl-ittestjar mediku u l-appoġġ għal laqgħat ta' livell għoli u summits, kif ukoll għall-ispejjeż ogħla tas-servizzi tal-kura tat-tfal ipprovduti mill-Kummissjoni u ddebitati lill-Kunsill, li huma newtrali għall-baġit fil-livell tal-baġit tal-UE.

5. Bini u spejjeż assoċjati (Kapitolu 20)

a) Bini (Artikolu 200)

Il-baġit għall-funzjonament tal-bini qed jiżdied b'1.0 % (EUR 0.09 miljun). Din iż-żieda hija relatata ma' ħtiġijiet addizzjonali għal studji tal-bini li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni ambjentali applikabbli għall-portafoll tal-bini tal-Kunsill.

b) Spejjeż relatati ma' bini (Artikolu 201)

Il-baġit globali għall-ispejjeż tal-operat u l-manutenzjoni tal-bini jżied b'4.0 % (EUR 1.6 miljun), prinċipalment minħabba prezzijiet oġhla għall-gass u l-elettriku (EUR 0.8 miljun), spejjeż oġhla tas-servizzi ta' manutenzjoni (EUR 0.7 miljun) u tal-kontrolli regolatorji (EUR 0.06 miljun).

6. Sistemi tal-kompjuter, tagħmir u għamara (Kapitolu 21)

a) Nefqa fuq l-IT (Artikolu 210)

Il-baġit għall-IT jżied b'10.3 % (EUR 5.0 miljun), li minnhom EUR 2.8 miljun jikkorrispondu għal trasferiment newtrali għall-baġit mill-Artikolu 212 "Tagħmir u installazzjoni tekniċi" (ara wkoll il-punt c). Porzjon kbir tal-bqija taż-żieda huwa dovut għall-ispejjeż addizzjonali relatati mal-investimenti importanti fl-infrastruttura tal-IT li saru b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19.

b) Għamara (Artikolu 211)

Il-baġit għall-kiri u t-tiġdid tal-għamara żdied b' 7.1 % (EUR 0.07 miljun) meta mqabbel mal-2022. Din iż-żieda twieġeb għal hteġa urġenti għal tiġdid ta' stokkijiet eżistenti fil-biċċa l-kbira eżawriti.

c) Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi (Artikolu 212)

Il-baġit għat-tibdil u t-tiġdid tat-tagħmir u l-installazzjonijiet tekniċi tnaqqas bi 48.1 % (EUR 3.3 miljun) meta mqabbel mal-2022. Dan it-tnaqqis huwa prinċipalment riżultat ta' trasferiment newtrali għall-baġit ta' EUR 2.8 miljun għall-Artikolu 210 "Nefqa fuq l-IT" fi sforz biex il-ġestjoni tat-tagħmir awdjoviżiv tal-konferenzi tiġi ottimizzata u ssir aktar effiċjenti.

d) Trasport (Artikolu 213)

Il-baġit fuq dan l-artikolu jonqos b'18.4 % (EUR 0.5 miljun) minħabba inqas  
ħtiġijiet għal summits multilaterali meta mqabbel mal-2022.

7. Nefqa operattiva (Kapitolu 22)

a) Spejjeż ta' vjaġġar ta' delegazzjonijiet (Partita 2200)

Il-baġit għall-ispejjeż ta' vjaġġar ta' delegazzjonijiet ma jinbidilx meta mqabbel  
mal-2022.

b) Interpretazzjoni (Partita 2202)

Il-baġit globali għall-interpretazzjoni jibqa' l-istess meta mqabbel mal-2022,  
minħabba r-rata ta' implimentazzjoni tal-passat u l-implimentazzjoni tal-pakkett  
tekniku kif previst fid-deċiżjoni 54/2018. Madankollu, il-pakketti lingwistiċi fuq  
talba ġew aġġustati b'żieda ta' 4.2 %.

Il-proposta għall-interpretazzjoni tinqasam kif ġej:

- EUR 32,8 miljun għall-interpretazzjoni ġenerali inkluż il-kontinġenzi,
- EUR 47,2 miljun għal pakketti fuq talba (EUR 2,05 miljun/pakkett).

c) Laqgħat u konferenzi (Partiti 2201, 2203, 2204, 2205)

Il-baġit għal-laqgħat u l-konferenzi, jiġifieri n-nefqa relatata mal-forniment tal-  
ikel u nefqa amministrattiva relatata, żdied bi 9.2 % (EUR 0.6 miljun) meta  
mqabbel mal-2022 biex ikopri l-ħtiġijiet tal-laqgħat abbażi tal-livelli ta' qabel il-  
pandemija.

d) Informazzjoni (Artikolu 221)

Iż-żieda ta' 9.8 % (EUR 0.8 miljun) hija prinċipalment marbuta ma' ħtiġijiet akbar għal attivitajiet awdjoviżivi u diġitali, bħala konsegwenza tat-talbiet mill-partijiet ikkonċernati.

e) Spejjeż oħra (Artikolu 223)

Il-baġit għal dan l-artikolu jitnaqqas b'2.5 % (EUR 0.04 miljun). Iż-żieda hija relatata ma' spejjeż legali kemxejn aktar baxxa.

8. Aktar informazzjoni dettaljata tingħata fl-annessi:

Anness I: Stima tad-Dħul u n-Nefqa għas-sena finanzjarja 2023

Anness II: Tabella tal-persunal 2023

Anness III: Evoluzzjoni tal-għadd ta' "persunal estern" u n-nefqa fuqu

---

**Stima tad-Dħul u n-Nefqa**  
**Għas-sena finanzjarja 2023**  
**Taqsimta II - II-Kunsill Ewropew u I-Kunsill**

Partita	Deskrizzjoni	Eżitu 2021	Baġit 2022	AB 2023	% 2023/2022
<b>TITOLU 1 - Persuni li jaħdmu mal-Istituzzjoni</b>					
1000	Salarju Bażiku	347.195	375.000	395.000	5%
1001	Intitolamenti marbutin mal-kariga okkupata	70.894	76.500	81.000	6%
1002	Intitolamenti marbutin maċ-ċirkostanzi personali	22.255	30.000	38.000	27%
1003	Kopertura għas-sigurtà soċjali	13.134	17.000	19.000	12%
1004	Nefqa oħra għall-ġestjoni	1.005.659	1.276.000	1.478.000	16%
<b>100</b>	<b>Rimunerazzjoni u intitolamenti oħrajn</b>	<b>1.459.137</b>	<b>1.774.500</b>	<b>2.011.000</b>	<b>13%</b>
1010	Allowance tranżitorja	169.719	210.000	0	-100%
<b>101</b>	<b>Tmiem tas-servizz</b>	<b>169.719</b>	<b>210.000</b>	<b>0</b>	<b>-100%</b>
<b>Total Kapitolu 10 - Membri tal-Istituzzjoni</b>		<b>1.628.857</b>	<b>1.984.500</b>	<b>2.011.000,00</b>	<b>1%</b>
1100	Salarji bażiċi	256.799.045	265.970.746	281.830.268	6%
1101	Intitolamenti taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin mal-kariga okkupata	1.467.753	1.772.000	1.807.000	2%
1102	Intitolamenti taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin maċ-ċirkostanzi personali tal-membri tal-persunal	64.985.182	66.778.000	71.057.000	6%
1103	Kopertura għas-sigurtà soċjali	10.334.298	10.947.000	11.646.000	6%
1104	Koeffiċjenti korrettivi tas-salarji	109.191	151.000	151.000	0%
1105	Sahra	847.327	1.285.000	1.258.000	-2%
1106	Intitolamenti taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz	1.795.000	1.895.000	1.985.000	5%
1107	Aġġustament annwali tar-rimunerazzjoni	0	4.026.000	7.854.000	95%
<b>110</b>	<b>Rimunerazzjoni u intitolamenti oħrajn</b>	<b>336.337.795</b>	<b>352.824.746</b>	<b>377.588.268</b>	<b>7%</b>
1110	Allowances fil-każ ta' rtirar fil-interessi tas-servizz	1.596.983	2.013.000	2.233.000	11%
<b>111</b>	<b>Tmiem tas-servizz</b>	<b>1.596.983</b>	<b>2.013.000</b>	<b>2.233.000</b>	<b>11%</b>
<b>Total Kapitolu 11 - Uffiċjali u persunal temporanju</b>		<b>337.934.778</b>	<b>354.837.746</b>	<b>379.821.268</b>	<b>7%</b>
1200	Persunal ieħor	10.669.102	11.842.000	12.397.000	5%
1201	Esperti nazzjonali sekondati	1.079.388	1.281.000	1.318.000	3%
1202	Apprendistati	709.717	797.000	825.000	4%
1203	Servizzi esterni	167.343	347.000	322.000	-7%
1204	Servizzi supplimentari għas-servizz ta' traduzzjoni	213.152	250.000	406.000	62%
1207	Aġġustament annwali tar-rimunerazzjoni	0	145.000	259.000	79%
<b>120</b>	<b>Persunal ieħor u servizzi esterni</b>	<b>12.838.700</b>	<b>14.662.000</b>	<b>15.527.000</b>	<b>6%</b>
<b>Total Kapitolu 12 - Persunal ieħor u servizzi esterni</b>		<b>12.838.700</b>	<b>14.662.000</b>	<b>15.527.000</b>	<b>6%</b>
1300	Nefqa varja għar-reklutaġġ	153.488	158.000	158.000	0%
1301	Taħriġ addizzjonali	2.344.369	2.561.000	2.518.000	-2%
<b>130</b>	<b>Nefqa relatata mal-amministrazzjoni tal-persunal</b>	<b>2.497.857</b>	<b>2.719.000</b>	<b>2.676.000</b>	<b>-2%</b>
1310	Għotjiet għal assistenza speċjali	4.526	25.000	25.000	0%
1311	Kuntatti soċjali bejn membri tal-persunal	51.688	131.000	133.000	2%
1312	Għajjuna supplimentari għall-persuni b'diżabbiltà	205.470	250.000	250.000	0%
1313	Nefqa soċjali oħra	71.600	72.000	74.000	3%
<b>131</b>	<b>Miżuri biex jgħinu l-persunal tal-istituzzjoni</b>	<b>333.283</b>	<b>478.000</b>	<b>482.000</b>	<b>1%</b>
1320	Servizz mediku	375.147	464.000	720.000	55%
1322	Crèches u faċilitajiet li jjeħdu ħsieb it-tfal	2.605.000	2.775.000	2.956.000	7%
1323	Kooperazzjoni interistituzzjonali fil-qasam tal-ġestjoni tal-persunal	897.962	1.055.000	1.260.000	19%
<b>132</b>	<b>Attivitajiet relatati mal-persuni kollha li jaħdmu mal-istituzzjoni</b>	<b>3.878.109</b>	<b>4.294.000</b>	<b>4.936.000</b>	<b>15%</b>
1331	Spejjeż tal-missjonijiet tas-Segretarjat tal-Kunsill	1.307.302	3.240.000	2.855.000	-12%
1332	Spejjeż għall-ivvjaġġar tal-persunal relatat mal-Kunsill Ewropew	1.101.678	1.500.000	1.500.000	0%
<b>133</b>	<b>Missjonijiet</b>	<b>2.408.980</b>	<b>4.740.000</b>	<b>4.355.000</b>	<b>-8%</b>
<b>Total Kapitolu 13 - Nefqa oħra relatata ma' persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni</b>		<b>9.118.230</b>	<b>12.231.000</b>	<b>12.449.000</b>	<b>2%</b>
<b>TOTAL TITOLU 1</b>		<b>361.520.566</b>	<b>383.715.246</b>	<b>409.808.268</b>	<b>6,8%</b>

**Stima tad-Dħul u n-Nefqa  
Għas-sena finanzjarja 2023  
Taqsimta II - II-Kunsill Ewropew u I-Kunsill**

Partita	Deskrizzjoni	Eżitu 2021	Baġit 2022	AB 2023	% 2023/2022
<b>TITOLU 2 - Bini, tagħmir u nefqa operattiva</b>					
2000	Kera	1.321.993	457.000	444.000	-3%
2003	Xogħol ta' sistemazzjoni u ta' installazzjoni	10.242.357	10.351.000	10.171.000	-2%
2004	Xogħol biex il-bini jkun sigur	1.437.971	2.107.000	2.142.000	2%
2005	Nefqa qabel l-akkwiżizzjoni, il-konstruzzjoni u s-sistemazzjoni tal-bini	752.969	835.700	1.083.000	30%
<b>200</b>	<b>Bini</b>	<b>13.755.291</b>	<b>13.750.700</b>	<b>13.840.000</b>	<b>1%</b>
2010	Tindif u manutenzjoni	17.045.094	18.335.000	19.036.000	4%
2011	Ilma, gass, elettriku u tisħin	4.274.000	5.492.000	6.302.000	15%
2012	Sigurtà u sorveljanza tal-bini	18.006.668	18.757.860	18.758.000	0%
2013	Assigurazzjoni	580.843	610.000	622.000	2%
2014	Nefqa oħra relatata mal-bini	576.349	582.000	645.000	11%
<b>201</b>	<b>Infiq relatat ma' bini</b>	<b>40.482.954</b>	<b>43.776.860</b>	<b>45.363.000</b>	<b>4%</b>
<b>Total Kapitolu 20 - Bini u spejjeż assoċjati</b>		<b>54.238.245</b>	<b>57.527.560</b>	<b>59.203.000</b>	<b>3%</b>
2100	Akkwiżizzjoni ta' tagħmir u software	17.325.144	12.285.716	14.085.000	15%
2101	Assistenza esterna għall-operat u l-iżvilupp ta' sistemi tal-kompjuter	31.221.619	27.509.685	29.376.000	7%
2102	Żamma fi stat tajjeb u manutenzjoni ta' tagħmir u software	6.199.738	6.964.599	8.117.000	17%
2103	Telekomunikazzjoni	2.283.930	1.355.000	1.495.000	10%
<b>210</b>	<b>Sistemi tal-kompjuter u telekomunikazzjonijiet</b>	<b>57.030.431</b>	<b>48.115.000</b>	<b>53.073.000</b>	<b>10%</b>
<b>211</b>	<b>Għamara</b>	<b>926.209</b>	<b>981.000</b>	<b>1.051.000</b>	<b>7%</b>
2120	Xiri u sostituzzjoni ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi	4.293.372	3.769.000	2.150.000	-43%
2121	Assistenza esterna għall-operat u l-iżvilupp ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi	41.845	100.000	100.000	0%
2122	Kiri, żamma fi stat tajjeb, manutenzjoni u tiswija ta' tagħmir u installazzjonijiet tekniċi	1.824.186	3.022.000	1.327.000	-56%
<b>212</b>	<b>Tagħmir u installazzjonijiet tekniċi</b>	<b>6.159.402</b>	<b>6.891.000</b>	<b>3.577.000</b>	<b>-48%</b>
<b>213</b>	<b>Trasport</b>	<b>1.367.115</b>	<b>2.550.000</b>	<b>2.080.000</b>	<b>-18%</b>
<b>Total Kapitolu 21 - Sistemi tal-kompjuter, tagħmir u għamara</b>		<b>65.483.158</b>	<b>58.537.000</b>	<b>59.781.000</b>	<b>2%</b>
2200	Spejjeż ta' vviagġar ta' delegazzjonijiet	10.150.204	15.505.000	15.505.000	0%
2201	Spejjeż ta' vviagġar varji	182.596	550.000	500.000	-9%
2202	Spejjeż ta' interpretazzjoni	19.784.532	80.000.000	80.000.000	0%
2203	Spejjeż għar-rappreżentanza	120.805	180.000	195.000	8%
2204	Nefqa varja għal laqgħat interni	2.800.984	4.635.000	5.305.000	14%
2205	Organizzazzjoni ta' konferenzi, kungressi u laqgħat	373.075	1.125.000	1.090.000	-3%
<b>220</b>	<b>Laqgħat u konferenzi</b>	<b>33.412.196</b>	<b>101.995.000</b>	<b>102.595.000</b>	<b>1%</b>
2210	Nefqa għad-dokumentazzjoni u għal-libreriji	2.624.909	2.825.000	2.885.000	2%
2212	Pubblikazzjonijiet ġenerali	309.601	308.000	268.000	-13%
2213	Informazzjoni u avvenimenti pubbliċi	4.595.211	5.158.250	5.951.000	15%
<b>221</b>	<b>Informazzjoni</b>	<b>7.529.721</b>	<b>8.291.250</b>	<b>9.104.000</b>	<b>10%</b>
2230	Provvisti għall-uffiċċji	364.477	374.000	398.000	6%
2231	Spejjeż postali	50.000	50.000	35.000	-30%
2232	Nefqa fuq studji, stħarriġ u konsultazzjonijiet	0	45.000	45.000	0%
2234	Rilokazzjonijiet	0	33.000	33.000	0%
2235	Spejjeż finanzjarji	10.000	20.000	20.000	0%
2236	Spejjeż u nefqa legali, danni u kumpens	178.207	600.000	550.000	-8%
2237	Nefqa operattiva oħra	204.297	285.500	291.000	2%
<b>223</b>	<b>Spejjeż varji</b>	<b>806.981</b>	<b>1.407.500</b>	<b>1.372.000</b>	<b>-3%</b>
<b>Total Kapitolu 22 - Nefqa operattiva</b>		<b>41.748.897</b>	<b>111.693.750</b>	<b>113.071.000</b>	<b>8%</b>
<b>TOTAL TITOLU 2</b>		<b>161.470.300</b>	<b>227.758.310</b>	<b>232.055.000</b>	<b>1,9%</b>
<b>BAGĠI TOTALI</b>		<b>522.990.866</b>	<b>611.473.556</b>	<b>641.863.268</b>	<b>5,0%</b>

**TABELLA TAL-PERSUNAL 2023**  
**Taqsimta II - II-Kunsill Ewropew u I-Kunsill**

Baġit 2022			
Kategorija u grad	Karigi permanenti	Karigi temporanji	
		President KE	Oħrajn
HC	1	0	0
AD 16	8	1	0
AD 15	33 1)	1	0
AD 14	140 2)	2	1
AD 13	139	3	0
AD 12	193	7	0
AD 11	91	2	1
AD 10	169	2	0
AD 9	256	0	0
AD 8	161	0	0
AD 7	158	1	0
AD 6	85	1	0
AD 5	86	0	0
<b>Subtotal AD</b>	<b>1519</b>	<b>20</b>	<b>2</b>
AST 11	42	0	0
AST 10	46	0	0
AST 9	191	7	0
AST 8	103	2	0
AST 7	145	0	0
AST 6	191	0	0
AST 5	265	1	0
AST 4	188	0	0
AST 3	85	2	0
AST 2	8	1	0
AST 1	20	0	0
<b>Subtotal AST</b>	<b>1284</b>	<b>13</b>	<b>0</b>
SC 6	0	0	0
SC 5	0	0	0
SC 4	6	0	0
SC 3	16	0	0
SC 2	68	0	0
SC 1	100	0	0
<b>Subtotal SC</b>	<b>190</b>	<b>0</b>	<b>0</b>
<b>Total</b>	<b>2994</b>	<b>33</b>	<b>2</b>
<b>Total ġenerali</b>	<b>3029</b>		

Abbozz ta' baġit 2023			
Kategorija u grad	Karigi permanenti	Karigi temporanji	
		President KE	Oħrajn
HC	1	0	0
AD 16	8	1	0
AD 15	33 3)	1	0
AD 14	145 4)	2	1
AD 13	140	3	0
AD 12	208	7	1
AD 11	92	2	0
AD 10	177	2	0
AD 9	263	0	0
AD 8	161	0	0
AD 7	158	1	0
AD 6	70	1	0
AD 5	69	0	0
<b>Subtotal AD</b>	<b>1524</b>	<b>20</b>	<b>2</b>
AST 11	42	0	0
AST 10	49	0	0
AST 9	191	7	0
AST 8	88	2	0
AST 7	148	0	0
AST 6	206	0	0
AST 5	284	1	0
AST 4	180	0	0
AST 3	45	2	0
AST 2	8	1	0
AST 1	28	0	0
<b>Subtotal AST</b>	<b>1269</b>	<b>13</b>	<b>0</b>
SC 6	0	0	0
SC 5	0	0	0
SC 4	8	0	0
SC 3	16	0	0
SC 2	71	0	0
SC 1	105	0	0
<b>Subtotal SC</b>	<b>200</b>	<b>0</b>	<b>0</b>
<b>Total</b>	<b>2994</b>	<b>33</b>	<b>2</b>
<b>Total ġenerali</b>	<b>3029</b>		

- 1) Inkluż 4 aġenti fil-grad AD16 ad personam.
- 2) Inkluż 7 aġenti fil-grad AD15 ad personam.
- 3) Inkluż 4 aġenti fil-grad AD16 ad personam.
- 4) Inkluż 7 aġenti fil-grad AD15 ad personam.

<b>Evoluzzjoni tal-għadd ta' persunal estern' u n-nefqa fuqu</b>
--

<i><b>Kunsill</b></i>	<i><b>Baġit ivvutat 2022</b></i>		<i><b>Dikjarazzjoni tal-istimi 2023</b></i>	
<b>Tip ta' persunal</b>	<b>Approprjazzjonijiet (EUR)</b>	<b>Għadd stmat ta' FTE (*) abbażi ta' approprjazzjonijiet awtorizzati</b>	<b>Approprjazzjonijiet (EUR)</b>	<b>Għadd stmat ta' FTE (*) abbażi ta' approprjazzjonijiet mitluba</b>
Aġenti Kuntrattwali	11.674.000	223	12.230.500	232
Esperti Nazzjonali Sekondati	1.281.000	22	1.318.000	22
Aġenti Lokali	0	0	0	0
Temporanji	237.000	3	237.000	3
Assistenti Parlamentari	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli	Mhux Applikabbli
<b>Total</b>	<b>13.192.000</b>	<b>248</b>	<b>13.785.500</b>	<b>257</b>

\* Unitajiet ekwivalenti full-time